



Brussell, 20 ta' April 2021  
(OR. en)

7496/21

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2021/0087 (NLE)

---

ECOFIN 303  
FIN 234  
UEM 67

### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1350 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Litwanja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħha tal-COVID-19

---

## **DEĊIŻJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...**

**ta'...**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1350  
li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672  
lir-Repubblika tal-Litwanja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza  
wara t-tifqigħa tal-COVID-19**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħi,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

Billi:

- (1) Wara t-talba mil-Litwanja tas-7 ta' Awwissu 2020, fil-25 ta' Settembru 2020, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lil-Litwanja fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 602 310 000 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, , bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tal-Litwanja biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħha tal-COVID-19 u twieġeb għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.
- (2) Is-self kellu jintuża mil-Litwanja biex tiffinanzja l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1350<sup>1</sup>.
- (3) It-tifqigħha tal-COVID-19 għadha qed tipparalizza parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol fil-Litwanja. Dan wassal għal żieda f'daqqa u qawwija fin-nefqa pubblika mil-Litwanja fir-riġward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3, il-punt (a) u (b), tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1350.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1350 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Litwanja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħha tal-COVID-19, (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 35).

- (4) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implementati mil-Litwanja fl-2020 u l-2021 biex titrażjan dik it-tifqigħa u l-impatt tagħha kemm soċjoekonomiku kif ukoll dak marbut mas-saħħha kellhom u qed ikollhom impatt qawwi fuq il-finanzi pubbliċi. Skont it-bassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni, il-Litwanja kienet mistennija li jkollha defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 8,4 % u 47,2 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament sa tmiem l-2020. Fl-2021, id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika tal-Litwanja huma mbassra li jkunu 6,0 % u 50,7 % tal-PDG rispettivament. Skont it-bassir proviżorju tax-xitwa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG tal-Litwanja huwa proġettat li jkun naqas bi 2,2 % fl-2021.
- (5) Fil-11 ta' Marzu 2021, il-Litwanja talbet assistenza finanzjarja ulterjuri mill-Unjoni ta' EUR 354 950 000, bil-ħsieb li tkompli tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha li wettqet fl-2020 u l-2021 biex tittratta l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom. B'mod partikolari dan jikkonċerna l-miżuri stabbiliti fil-premessi (6) sa (8).

- (6) Fil-'Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470' tal-21 ta' Ġunju 2016, kif emendata fl-2020<sup>1</sup>, kif imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (a), tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1350, il-Litwanja introduċiet skema biex jitħallsu sussidji lil min iħaddem biex jiġu koperti l-pagi stmati għal kull persuna impjegata li tiffaċċeja żmien bla xogħol, bħala appoġġ matul il-kwarantina u l-emerġenza tal-istat. Qabel l-1 ta' Jannar 2021, min iħaddem kien jista' jagħżel bejn sussidji li jkoprū 70 % tas-salarju, sa massimu ta' 1,5 darba l-paga minima, jew 90 % tas-salarju (100 % fil-każ ta' impjegati ta' 60 sena u aktar), sa massimu tal-paga minima. Mill-1 ta' Jannar 2021, min iħaddem jista' jirċievi sussidji biex ikopri 100 % tas-salarju, sa massimu ta' 1,5 darba l-paga minima. Dawk li jħaddmu li jkunu pparteċipaw fl-iskema jridu jżommu mill-inqas 50 % tal-impjegati tagħhom għal mill-inqas tliet xhur wara li jintemm is-sussidju mħallas.

---

<sup>1</sup> L-Artikolu 41, il-parti 2-1 tal-'Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470' tal-21 ta' Ġunju 2016, kif emendata permezz tal-'Liġi Nru XIII-2822' tas-17 ta' Marzu 2020, il-'Liġi Nru XIII-2846' tas-7 ta' April 2020, il-'Liġi Nru XIII-3005' tal-4 ta' Ġunju 2020, u 1-'Liġi Nru XIV-131' tat-23 ta' Diċembru 2020.

- (7) Skont il-'Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470' tal-21 ta' Ġunju 2016, kif emendata fl-2020, kif imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (a), tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1350, is-sussidji tħallsu wkoll għall-impjegati li jirritornaw wara żmien bla xogħol<sup>1</sup>, għal perijodu sa massimu ta' sitt xhur wara r-ritorn tagħħom għax-xogħol. Soġġett għal-limitu tal-paga minima jew darbtejn il-paga minima, li tiddependi fuq l-attività ekonomika mwettqa minn min iħaddem, l-ammont ta' sussidji mhalla fl-ewwel u fit-tieni xhur wara r-ritorn għax-xogħol jista' jilħaq anki 100 % tas-salarju tal-impjegat, fit-tielet u r-raba' xahar jista' jilħaq 50 %, u fil-ħames u s-sitt xahar jista' jilħaq 30 %. Dawk is-sussidji jistgħu jitqiesu bħala miżura simili għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, billi għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ għad-dħul għall-impjegati u jgħinu biex jinżammu r-relazzjonijiet ta' impjieg eżistenti.

---

<sup>1</sup> L-Artikolu 41, il-parti 2-4 tal-'Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470' tal-21 ta' Ġunju 2016, kif emendata permezz tal-'Liġi Nru XIII-2882' tas-7 ta' Mejju 2020, il-'Liġi Nru XIII-3005' tal-4 ta' Ġunju 2020.

- (8) L-awtoritajiet introduċew ukoll beneficiċji għal dawk li jaħdmu għal rashom inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom li jeżerċitaw attivitā agrikola ma' azjenda agrikola jew impriżza agrikola ta' mhux inqas minn erba' unitajiet ta' daqs ekonomiku, kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (b), tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1350. Dik il-miżura ġiet emendata fl-2020<sup>1</sup>. Fl-2020, il-beneficiċju ammonta għal EUR 257 u tħallas matul il-perjodu tal-kwarantina u tal-emerġenza tal-istat u fix-xahrejn ta' wara. Fl-2021, il-beneficiċju jammonta għal EUR 260 u jitħallas matul il-perjodu tal-kwarantina u tal-emerġenza tal-istat u fix-xahar ta' wara. Il-beneficiċji għal dawk li jaħdmu għal rashom jistgħu jitqiesu li huma miżura simili għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmija fir-Regolament (UE) 2020/672, billi għandhom l-għan li jipproteġu lil dawk li jaħdmu għal rashom jew kategoriji simili ta' ħaddiema minn tnaqqis fl-introjtu jew it-telf tiegħu.
- (9) Il-Litwanja tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tkun tista' titlob assistenza finanzjarja kif stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Il-Litwanja pprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u ppjanata żidiedet b'EUR 1 101 607 198 mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex jiġu ttrattati l-effetti soċċoekonomiċi tat-tifqigħha tal-COVID-19. Dan jikkostitwixxi żieda f'daqqa u qawwija minħabba li huwa relatati ukoll ma' estensjoni ta' miżuri nazzjonali eżistenti relatati direttament mal-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili li jkopru proporzjon sinifikanti ta' impriżzi u tal-forza tax-xogħol fil-Litwanja. Il-Litwanja ffinanzjat EUR 144 347 198 tal-ammont miżjud tan-nefqa permezz tal-fondi tal-Unjoni.

---

<sup>1</sup> L-Artikolu 5-1 tal-'Liġi dwar l-Impjiegi Nru XII-2470' tal-21 ta' Ġunju 2016, kif emendata permezz tal-'Liġi Nru XIII-2822' tas-17 ta' Marzu 2020, il-'Liġi Nru XIII-2846' tas-7 ta' April 2020, il-'Liġi Nru XIII-2877' tat-30 ta' April 2020, u l-'Liġi Nru XIV-35' tat-3 ta' Diċembru 2020.

- (10) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-Litwanja u vverifikat iż-żieda f'daqqa u qawwija fin-nefqa pubblika attwali u ppjanata direttament relatata mal-iskemi tax-xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, imsemmija fit-talba tal-Litwanja tal-11 ta' Marzu 2021, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li l-Litwanja tīgħi mgħejuna titratta l-effetti soċċoekonomiċi tat-taqlib ekonomiku qawwi kkawżat mit-tifqigħha tal-COVID-19. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-maturitajiet, il-qies u r-rilaxx tal-ħlasijiet parżjali u tal-partijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.
- (12) Jenħtieġ li l-Litwanja u l-Kummissjoni jqisu din id-Deċiżjoni fil-ftehim ta' self imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (13) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettaq, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa tal-Istati Membri li jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.

- (14) Jenħtieġ li l-Litwanja tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar l-implementazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn il-Litwanja tkun implementat dik in-nefqa.
- (15) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u dawk mistennija tal-Litwanja, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 digħi ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħra, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2020/1350 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Litwanja self li jammonta għal massimu ta' EUR 957 260 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.';

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'4. L-ewwel ħlas parpjali għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672. Kwalunkwe ħlas parpjali sussegwenti għandu jiġi rilaxxat f'konformità mat-termini ta' dak il-ftehim ta' self jew, fejn rilevanti, ikun soġġett għad-dħul fis-seħħħ ta' addendum għal dan, jew ta' ftehim ta' self emendat.';

(2) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*'Artikolu 3*

Il-Litwanja tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

- (a) sussidji fuq il-pagi matul iż-żmien ta' bla xogħol, kif previst fl-Artikolu 41 tal-"Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470" tal-21 ta' Ġunju 2016, kif emendati fl-2020;
- (b) sussidji fuq il-pagi għal wara ż-żmien ta' bla xogħol, kif previst fl-Artikolu 41 tal-"Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470" tal-21 ta' Ġunju 2016, kif emendati fl-2020;
- (c) benefiċċi għal dawk li jaħdmu għal rashom, kif previst fl-Artikolu 5-1 tal-"Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470" tal-21 ta' Ġunju 2016, kif emendati fl-2020;
- (d) benefiċċi għal dawk li jaħdmu għal rashom involuti fl-agrikoltura, kif previst fl-Artikolu 5-2 tal-"Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470" tal-21 ta' Ġunju 2016, kif emendati fl-2020.);

(3) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*'Artikolu 4*

1. Il-Litwanja għandha tinforma lill-Kummissjoni sat-30 ta' Marzu 2021, u kull sitt xhur wara l-implementazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm dik in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implementata b'mod sħiħ.

- Fejn il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 ikunu bbażati fuq nefqa pubblika ppjanata u jkunu ġew soġġetti għal deċiżjoni ta' implementazzjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2020/1350, il-Litwanja għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' implementazzjoni emendatorja, u kull sitt xhur minn hemm 'il quddiem, dwar l-implementazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm dik in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implementata bis-sħiħ.'

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha lid-destinatarju.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fī Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*